MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 97/2005

**Alfred u Iris konjugi Camilleri**

**vs**

**Arthur u Dolores konjugi Rizzo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-22 ta' Frar tas-sena 2005 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jizgombraw mill-garage bin-numru tlieta (3), bl-isem "Donmar", fi Triq Reggie Miller, Gzira, Malta fi zmien qasir u perentorju ffissat minn din l-onorabbli Qorti u konsegwentement jirrilaxxaw liberu u vakanti favur ta' l-atturi;

2. Illi jhallsu lill-atturi s-somma ta' erba' mitt Lira Maltin, (LM400.00,0), bhala kirja ghall-perjodu ta' bejn id-9 ta' settembru tas-sena 2003 sat-8 ta' Settembru tas-sena 2004 u dana stante li sknd skrittura datata il-31 ta' Lulju tas-sena 2001, (Dok. "A") it-terminu tal-lokazzjoni skada fit-8 ta' Settembru tas-sena 2004, u aktar talli qed jaghmlu uzu mill-istess garage ghal skopijiet ta' magazinagg kontra dak espressament miftiehem bejhom u bejn l-atturi u aktar naqsu milli jhallsu l-kirja dovuta ghall-perjodu bejn id-9 ta' Settembru tas-sena 2003 sat-8 ta' Settembru tas-sena 2004 liema kirja tammonta ghal erbgha mitt Lira Maltin, (LM400.00,0);

3. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata l-15 ta' Settembru tas-sena 2004 u ta' l-ittra bonarja datata is-27 ta' Lulju tas-sena 2004 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;

4. Ghal fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat li l-valur lokatizju ma jeccedix is-somma ta' erbgha mitt Lira Maltin, (LM400.00,0);

Rat il-verbal datat l-10 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz tieghu l-konvenuti inghataw ghoxrin (20) gurnata biex ikunu jistghu jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet in sosten tal-pozizzjoni taghhom, u dan, wara talba appozita ta' l-istess konvenuti li nformaw lill-qorti li kienu qed jikkontestaw it-talbiet attrici;

Rat id-dokumenti esebiti;

Innotat li z-zmien koncess lill-konvenuti biex jipprezentaw l-att legali minnhom mitlub ghadda inutilment;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta assodat li t-talbiet attrici huma debitament ippruvati stante li l-garage de quo ghalkemm qed jigi okkupat mill-konvenuti dawn ma ottemporawx ruhhom mal-kundizzjonijiet minnhom pattwiti u ghalhekk qieghdin fi stat ta' inadempjenza kontrattwali;

Ghaldaqstant, din il-qorti tqis li l-atturi pprovaw il-kaz taghhom skond il-ligi u konsegwentement tordna lill-konvenuti Arthur u Dolores Rizzo:

1. Jizgumbraw mill-fond garage, numru 3, "Donmar", Triq Reggie Miller, il-Gzira, fi zmien xahar mil-lum u jirrilaxxawh liberu u vakanti favur l-atturi Alfred u Iris konjugi Camilleri;

2. Ihallsu wkoll l-ammont ta' erba' mitt Lira Maltin, (LM400.00,0), dovuti lill-atturi alfred u Iris konjugi Camilleri ghall-perjodi ndikati fl-istess avviz promotur u dan flimkien ma' l-ispejjez u imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------